MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 142/2003

***Western Company Limited***

***vs***

***Joseph Said***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) rappresentanti l-import ta' tnax-il kambjala mahruga favur il-konvenut u debitament accettati minnhom kull wahda ta' Lm125.06 'il wahda li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Awissu 1999 u Dicembru 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju u bl-imghaxijiet mid-data tal-maturita' ta' kull kambjala kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Malcolm Pace ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti konsistenti fi tnax-il kambjala mertu tal-kawza li huma mmarkati bhala Dokument JJ1 sa JJ12.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500), bl-imghaxijiet mid-data tal-maturita’ ta’ kull kambjala.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------